IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru23 (tlieta u għoxrin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn, 3 ta' Awwissu, 2020, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**23.1. Item Nru 23.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

23.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.46pm u kulħadd kien preżenti

**23.2. Item Nru. 23.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

23.2.1. Korrezzjonijiet:

Minuta 22.3.3 minflok il-kelma belveder riedet tiġi taħt it-tinda fil-Batteria Delle Grazie.

Minuta 22.4.10 Minflok "Farrugia" tinbidel għal "Camilleri"

Minuta 22.3.3 Fl-aħħar tal-paragrafu tiġi miżjuda "il-ħaxix għadu qed jinqata'"

Minuta 22.3.4 Rosabelle kienet qalet li l-ħaxix jinqata' mil-Ħaddiema assenjati u mhux mil-Kuntrattur.

Minuta 22.4.12 tiġi eliminata l-aħħar sentenza.

Wara dawn il-korrezzjonijiet il-minuti ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

**23.3 Item Nru. 23.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

23.3.1 Is-Sindku s-Sur Neil Attard tkellem fuq il-problema tal-ġrieden li hawn fix-Xgħajra huwa qal li minn għada għandhom jibdew xogħol mil-pest control biex innaqqsuha.

23.3.2 Is-Sur Attard qal li wara li kien ġie infurmat li r-railing tax-xatt ser isir mil-Ministeru tat-Turizmu s'issa bqajna ma smajna xejn iktar. Għalhekk il-Kunsill qabel li tintalab laqgħa mal-Ministru Julia Farrugia Portelli biex ikollna aġġornament.

23.3.3 Is-Sindku ippropona li minħabba li għandna bżonn li jsiru xi bankini mil-ġdid tajjeb li nindividwawhom kollha u napplikaw għad development funds. Kulħadd qabel ma' dan.

23.3.4 Is-Sur Attard qal li it-tarag li tinżel għal fuq il-blat għadu ma beda xejn u għalhekk għadu perikoluż u dan minkejja li kien imwiegħed minn Infrastructure Malta u saru anke studji minn Ġeoloġista. Għalhekk nibgħatu lill-Ministru Ian Borg sabiex naraw x'qed iżomm milli jsir ix-xogħol.

23.3.5 Is-Sindku qal li l-Gate tal-Kunsill għada ta' periklu. Hu kompla u qal li ser niktbu lil Onor. Chris Agius sabiex naraw kif tista tiġi rranġata.

23.3.6 Is-Sindku qal li għandna proposta sabiex japplikawlna għal Develpment Funds minajr ħlas u jieħdu ħsieb il-pjanti, s-servizz ta' perit etc. Għalhekk sar qbil li ssir laqgħa apposta ma' dan l-individwu fil-jiem li ġejjin sabiex naraw x'qiegħed jipproponi.

23.3.7 Is-Sur Attard ippropona li nibgħatu lil Ramon Deguara tal-Cleansing sabiex jitnaddaf il-plot tal-Gvern li hemm fi Triq Karmelo Ritchie, fejn is-Sub Station għaliex hemm ħafna ħmieġ u skart. Kulħadd qabel ma' dan.

23.3.8 Is-Sindku qal li hemm bżonn li jinħareġ it-tender tal-Knis. Il-Kundizzjonijiet għandhom jinkludu:

Qtugħ ta' ħaxix max-Xgħajra kollha kull 4 xhur kullimkien tal-bankini u siti b'kollox.

Ħinijiet tax-Xitwa jibqgħu kif inhuma mit-Tnejn sas-Sibt u erbgħa siegħat persuna waħda. Ħinijiet tas-Sajf ikunu tnejn minn nies, ħames siegħat kull wieħed, kuljum, mit-Tnejn sal-Ħadd.

Il-Bins iridu jkunu mnaddfa sad-9am.

Rosabelle qalet li ma taqbilx għaliex fis-Sajf għandu jkun 8 siegħat u mhux 10 u apparti hekk il-ħaxix m' għandux ikun inkluż.

Minħabba li ma kienx hemm qbil dan is-suġġett ser jerġa jiġi diskuss.

23.3.9 Is-Sur Attard qal li ser jibgħat lil Prim Ministru u lill-Ministru Jose Herrera u jkellimhom dwar is-sitwazzjoni tal-Kunsill tax-Xgħajra rigward l-allokazzjoni. Dan għaliex mhux qed tkun biżżejjed minħabba li għandna ħafna spejjeż fuq l-Amministrazzjoni.

**23.4 Item Nru 23.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

23.4.1 Is-Sinjura Doris Borg qalet li ghalissa l-klassijiet tal-well being mhux ser isiru minħabba l-COVID-19. Kulħadd qabel.

23.4.2 Is-Sinjura Borg staqsiet dwar il-life savers u s-Segretarju qal li ser jiswew €24 -il wieħed għalhekk sar qbil li jinxtraw 4.

23.4.3 Is-Sinjura Borg staqsiet jekk jistgħux isiru xibka mar-railing tax-xatt biex ikun aktar sigur. Is-Segretarju qal li ser jiddaħħlu mal-lista ta' xogħlijiet.

23.4.4 Is-Sinjura Borg staqsiet jekk fi Triq l-Iskola tistax issir *road hump.* Is-Segretarju qal li għalhekk għandna napplikaw ma' TM.

23.4.5 Is-Sinjura Borg staqsiet fi Triq Sant Elija kantuniera ma Triq l-Ispnott tistax issir bicca bankina daqs 1.5m għaliex imkissra. Is-Segretarju qal li ser ikellem lill-Kunstrattur tat-toroq li qed jagħmel Triq l-Ispnott.

23.4.6 Is-Sur Raymond Camilleri staqsa jekk irċevejniex xi ħaġa fuq il-pitch tal-boċċi. Is-Segretarju qal li minkejja diversi reminders bqajna ma rċevejna xejn.

23.4.7 Is-Sur Camilleri staqsa jekk nistgħu inkellmu perit dwar l-ilma li qed iżomm f' Wesgħet il-Ħelsien fejn il-Petshop. Is-Sindku qal li l-ahjar niġbru lista ta' fejn hemm bżonn culverts u napplikaw għal Developments Funds.

**23.5 Item Nru. 23.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

IX-XGĦAJRA

23.5.1 Is-Segretarju ma kienx hemm rapporti.

**23.6 Item Nru. 23.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

23.6.1 Kollox ġie diskuss qabel.

**23.7 Item Nru. 23.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

23.7.1 Pagamenti b'numru 95 ġew approvati unanimament.

**23.8 Item Nru. 23.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

23.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**23.9 Item Nru. 23.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

23.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.22pm

Aġġornament għal-nhar it-Tlieta 15 ta' Settembru, 2020 fil-5.30pm

________________________ ________________________

Ranier Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Neil Attard
Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR12360 – Malta
Tel: 216923269
E-Mail xghajra.lc@gov.mt